# L-Agostinjani f'Tal-Pietà

Minn
Fr. Alan Scerri OSA

Għalkemm il-Patrijiet Agostinjani ilhom f'Tal-Pietà sa mill-1966, il-prezenza tagħhom f'din il-parroċċa hija l-aktar marbuta mal-qasam ta' l-edukazzjoni. Għal xi wħud li huma familjari ma' din l-iskola forsi jaħsbu li l-bidu tagħha kien f'Tal-Pietà. L-istorja ta' din l-iskola mmexxija minn reliġjużi għandha storja ħafna aktar twila minn hekk.

L-iskola hekk imsejħa gratwita (b'xejn) ta' Santu Wistin twaqqfet fl-1846 fil-Kunvent ta' l-Agostinjani tal-Belt Valletta. Barra li kienet xi ħaġa ta' ġieħ lill-Provinċja Agostinjana Maltija u lill-Knisja ta' Malta, kienet ukoll opra l-aktar soċjali għall-poplu fqir ta' Malta f'dak iż-żmien billi refgħet ħafna tfal mill-istat imwiegħer tagħhom u qabbdithom it-triq tal-progress, tax-xogħol u tal-professjoni.

L-edukazzjoni f'Malta f'dawk iż-żminijiet ta' l-1800 kienet ftit jew wisq mogħtija l-ġenb u kienet tezisti ħafna injoranza minħabba n-nuqqas ta' tagħlim u ta' l-skejjel. Għalkemm kien hawn ftit skejjel, mhux it-tfal kollha setgħu jieħdu t-tagħlim meħtieġ għall-ħajja għaliex ma kinux jistgħu jħallsu. Skejjel privati biż-żmien bdew jinfetħu, iżda l-gvern ma kienx jagħtihom għajnuna finanzjarja. L-għan tal-patrijiet Agostinjani kien li jimla l-vojt li s-soċjeta' kollha kienet tħoss, billi jidħol u jaqbeż għall-fqir u jerfgħu mill-miżerja tiegħu.

Din l-iskola privata b'xejn twaqqfet bħala Skola Primarja u Elementari. Kienet l-ewwel waħda ta' din l-għamla fost l-Ordnijiet Reliġjużi rġiel. F'din l-iskola kienu jiltaqgħu tfal minn sitt snin 'il fuq. It-tagħlim kien isir matul il-ġimgħa kollha barra l-Ħadd u l-festi. Nhar ta' Ħadd kien isir il-Katekizmu u l-Ħamis kien miżmum għat-tagħlim tal-mużika u l-kant.

Il-gwerra ħalliet l-effetti tagħha anki fuq din l-iskola u minħabba raġunijiet ta' sigurtà twaqqfet għal dan iż-żmien. Fl-1948, f'għeluq il-mitt sena mit-twaqqif tagħha, l-iskola reġgħet infetħet, din id-darba mhux iżjed bħala skola elementari, imma skola sekondarja u preparatorja bl-isem ta' Kulleġġ ta' Santu Wistin. Minħabba n-nuqqas ta' spazju u n-numru dejjem jiżdied ta' l-studenti l-iskola ġiet trasferita f'Ħal Tarxien f'Ottubru ta' l-1959. Għalkemm il-lokal kien imdaqqas ġmielu iżda minħabba l-esigenzi dejjem jikbru fil-qasam ta' l-edukazzjoni, l-Provinċja Agostinjana ħasbet biex issib post akbar, u aktar ċentrali. Għalhekk fl-14 ta' Lulju ta' l-1961 inxtrat il-proprjetà fit-Telgħa ta' Gwardamanġa mingħand l-aħwa Zammit Tabona u fit-3 ta' Ġunju ta' l-1972 beda l-bini tal-kulleġġ kif inhu llum li tlesta minn kollox sena wara eżattament fid-19 ta' Settembru 1973.

L-għan tal-Patrijiet Agostinjani f'Tal-Pietà huwa wieħed edukattiv marbut l-aktar mat-tagħlim u l-formazzjoni tat-tfal. Xogħol bħal dan fih innifsu huwa qasam ta' ħidma mportanti fil-ħajja tal-Knisja. Ovvjament is-sehem tagħna fil-Parroċċa ta' Gwardamanġa mhux wieħed direttament marbut mal-ħidma pastorali li jwettqu l-patrijiet Dumnikani. Madankollu l-Kulleġġ dejjem ta l-għajnuna tiegħu meta nħass il-bżonn. Wieħed jista' jsemmi t-tliet komunitajiet Neo-Katekumenali li jiltaqgħu darbtejn fil-ġimgħa, laqgħat taz-zona li jsiru fil-bini ta' l-iskola, l-użu tal-*ground* għal xi partita football miż-żgħażagħ u attivitajiet oħra. Il-parroċċa min-naħa tagħha dejjem offriet il-Knisja b'mod speċjali għaċ-ċelebrazzjonijiet ta' quddies ta' l-ewwel ġimgħa tax-xahar li minn żmien għal ieħor jorganizza l-Kulleġġ Santu Wistin.

Jalla l-għaqda bejn iż-żewġ komunitajiet u l-poplu ta' Gwardamanġa tibqa' tikber għall-ġid tal-Knisja u l-poplu kollu ta' din l-parroċċa.

Kummissjoni Festa
Madonna ta' Fatima
Gwardamanġa